**Inħobb inqarbnek**

Niggustak kull filgħodu meta jmissni
Inqaddes fil-parroċċa ħelwa tagħna,
U minn fuq l-artal għid li dlonk se nilmħek
Kemm nitbissem għax int wieħed minn tagħna.

U wara li nitqarben boxxlet moħħi
Mill-ewwel tagħrfek w għandek niġi ferħan,
Għax is-sempliċità hekk ħelwa tiegħek
Kemm tikkwolifikak b'ħuna Franġiskan.

U ninżel ħdejk u nsiebek hekk imħejji
Biex tirċievi 'l Ġesù Sidek b'umiltà,
Hekk inħallik għażiż ħija fil-ġabra
Għarkupptejk ħa tieħu f'qalbek 'l-Karità.

Li tissarraf mhux fit-tiżjin vojt u fieragħ
Li jaf jiddandan min iġorr qalb vojta,
Imma biss minn jilqa' li hu midneb
W jitlob 'l Alla li minnu d-dnub jiżvojta.

U qabel inqarbnek kemm nitbissimlek
Għax nifraħ wisq meta narak hekk ħieni,
Idi tmur għall-pisdi biex lilek tqarben
W issir l-għamara tal-Iben il-Waħdieni.

Imma qabel inqarbnek dlonk infaħħrek
F'dik is-sentenza tal-Leħen il-Maħbub,
Li timla' l-qalbek bil-ferħ t'għors is-sema
U nħoss qalbek għal qalbu tibda' iddub.

"Ta' l-ewwel jiġu l-aħħar", hekk jibdhielna
Imbagħad jissokkta b'sengħa iżejjinha,
"U ta' l-aħħar jiġu l-ewwel", x'biċċa din
X'konfużjoni, tgħid dak il-ħin hu ħinha?

U ngħidx għażiż ħija li int sirt talba
Il-fidi li għandek ħierġa minn qalbek,
Ħa issaħħaħli tiegħi li wisq tkun zoppa
Twassalli 'l Kristu, b'hekk inħobb inqarbnek.

Patri Mario Attard OFM Cap
26 ta' Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.